**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs.**

**Faraj Mohamed Faraj El Ragig**

Numru: 51/2021

Illum 02 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Faraj Mohamed Faraj El Ragig**, ta' erbgħa u tletin (34) sena, bin Mohamed u Fatiha, imwieled ġewwa Benghazi, Libja nhar l-24 ta' Ġunju 1984, li bħalissa jinsab mingħajr residenza fissa u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0128998(A)

akkużat talli nhar l-10 ta' Jannar 2021, għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs ta' fil-għaxija (18:30hrs) u l-ħdax u nofs ta' bil-lejl (23:30hrs) ġewwa l-Marsa, Malta u/jew f'xi post ieħor ġewwa dawn il-Ġzejjer:

1. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna fuq PS 817 Gareth D' Amato u PC 1025 Waylon Cassar bħala persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li titqies bhala vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioé fuq PS 817 Gareth D'Amato u PC 1025 Waylon Cassar waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita kompetenti;

3. fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi nġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq PS 817 Gareth D'Amato u PC 1025 Waylon Cassar, bħala persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' dawk li jkunu nkarigati minn servizz pubbliku u cioé fuq PS 817 Gareth D'Amato u PC 1025 Waylon Cassar jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' fuq PS 817 Gareth D'Amato u PC 1025 Waylon Cassar.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex titratta mal-imputat bħala persuna reċidiva *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'numru ta' sentenzi li ġew definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok. "AR 1" – *a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-eżami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (*a fol.* 7).

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "AR 6" – *a fol.* 17) tal-imputat, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u kif ukoll il-fatt li l-imputat ser jitqies bħala li huwa reċidiv.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(b), 49, 50, 95, 96(a), 214, 221(1), 221(1)(ċ), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Faraj Mohamed Faraj El Ragig hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' erbatax (14)-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' ħamest'elef Euro (€5000.00).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba *stante* li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħati Faraj Mohamed Faraj El Ragig b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000.00) għal żmien sena fil-konfront ta' PS 817 Gareth D'Amato u PC 1025 Waylon Cassar, liema żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih il-piena mogħtija lill-imputat tiġi skontata jew maħfura (Artikolu 383(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

______________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**

______________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**